# TRIBUNUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru. 2328

**Kaz Nru. 3059/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Katja Hoeher**

**u**

**Palazzo Events Limited**
**(Dwar tkeccija mill-impieg**
**allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrenti Katja Hoeher, li gie prezentat fir-Registru tal-Qorti fit-30 ta' Awissu 2012. Matul is-smigh tal-Kaz, ir-Rikorrenti kienet assistita mill-Avukat Matthew Brincat u ghas-Socjeta intimata dehret Ms Christine Ramsy Pergola Scicluna li kienet assistita mill-Avukat Lydia Abela.**

**Fl'Istqarrija tal-Kaz ir-Rikorrenti tghid, li kienet impjegata mal-Kumpanija intimata bhala "Assistant Restaurant Manager" fuq kuntratt ta' impjieg indefenit li beda fl-10 ta' Gunju, 2007.**

**Hija tghid ukoll li fit-22 ta' Mejju 2012, kienet qed tahdem b'mod normali u sfat imkeccija mill-impjieg taghha b'mod sommarju u minghajr raguni valida skond il-ligi. Hija tghid ukoll fl'Istqarrija tal-Kaz taghha, li kienet nghatat biss twissija wahda bil-miktub dwar xogholha u dak in-nhar tat-tkeccija, lanqas ma nghatat c-cans biex taghti l-verzjoni tal-kaz taghha ghaliex il-principal qaltilha biex titlaq minnufih.**

**Ir-Rikorrenti tghid ukoll, li l-intimati mhux biss ma kellhomx raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi biex jkeccuha mill-impjieg izda wkoll, lanqas ma osservaw l-prassi emfasizzata diversi drabi mid-Decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali, li persuna li ser titkecca mill-impjieg ghanda tinghata r-ragunijiet ghat-tkeccija u ghandha dejjem tinghata smiegh xieraq biex tispjega l-pozizzjoni taghha. Fl'Istqarrija taghha hija tghid ukoll, li t-tkeccija taghha saret b'mod illegali ghaliex ma giex osservat il-process ta' tkeccija ghall-nisa tqal skond Artikolu 12(1) tar-Regolamenti dwar l-Harsien tal-Maternita' (Impjieg) ta' 2004.**

**Ir-Rikorrenti tghalaq l-Istqarrija tal-Kaz taghha fejn titlob lit-Tribunal Industrijali biex jiddikjara, li t-tkeccija taghha ma saritx skond l-ligi u ma saritx ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi u ghalhekk jiffissa kumpens adekwat ghal ksur tal-Kap 452 u tar-regolamenti dwar il-harsien tal-maternita da parti ta' l-intimati.**

**Ghas-Socjeta intimata da parti taghha qalet, li matul il-qadi ta' dmirijietha, ir-rikorrenti kienet ta' spiss turi imgieba arroganti u mgieba hazina kemm lejn is-superjuri taghha u anke lejn l-impjegati l-ohra shabha. Is-Socjeta tghid ukoll, li l-attitudini negattiva tar-rikorrenti li kienet wahda konsisstenti u wahda konfrontali, kienet qed tohloq diversi problemi fuq il-post tax-xoghol u dan b'detriment serju lis-socjeta intimata, li tghatha diversi opportunitajiet biex tirranga l-attitudni taghha.**

**Is-Socjeta tghid ukoll, li ir-rikorrenti kienet ta' spiss tuza kliem dispreggjattiv u turi nuqqas serju ta' rispett fil-konfront tas-superjuri taghha u dan anke fil-prezenza tal-klijenti tas-socjeta intimata. Hija tghid ukoll, li minhabba din l-attitudni, is-socjeta kienet sahansitra baghtet twissja bil-miktub lir-rikorrenti datata 13 ta' Lulju 2011, li permezz taghha s-socjeta gibdet l-attenzjoni tar-rikorrenti ghal dan l-atteggjament.**

**Is-Socjeta tghid ukoll li nhar it-Tnejn 22 ta' Mejju 2012, waqt li r-rikorrenti kienet qed taqdi d-dmirijiet taghha bhas-solitu flimkien ma impjegati ohra, bdiet tilmenta dwar il-mod kif kien qieghed jitmexxa r-restaurant u regghet ghal darb'ohra wzat kliem dispreggjattiv fil-konfront tas-superjuri taghha, ghamlet xenata quddiem il-klijenti tas-Socjeta u quddiem impjegati ohra, u fost ghajjat u kliem oxxen, telqet minn fuq il-post tax-xoghol, abbandunat l-impjieg u ma regghetx irritornat.**

**Is-Socjeta tghalaq l-Istqarrija tal-Kaz taghha fejn tghid, li kuntrarju ta' dak allegat mir-rikorrenti, kienet hi stess li naqset fil-konfront tas-Socjeta u kienet hi li abbandunat l-impjieg taghha.**

**Mill-provi jirrizulta, li ir-rikorrenti kienet ilha mpjegata mas-Socjeta mill-10 ta' Gunju 2007, fejn originarjament kienet tghamel diversi funzjonijiet fil-qasam tal-catering. Mill-provi jirrizulta wkoll li fl'2008, hija giet promossa fil-grad ta' "Assistant Catering Manager".**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti kienet tajba fix-xoghol taghha u kienet tahdem b'mod professjonali u mill-provi jirrizulta wkoll, li ir-relazzjoni li kien hemm bejnha u bejn il-propjetarji kienet wahda tajba u giet deskritta li kienet aktar wahda familjari milli ta' sid u impjegat.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li fl'ahhar zmien ta' l-impieg taghha, ir-rikorrenti kienet tinhass nervuza u tahtaf lill haddiema u kif gie spjegat lit-Tribunal Industrijali li dan setgha kien rizultat, kemm ghax kienet tqila, kif ukoll ghax gieli kien ikun hemm nuqqas ta' staff jew l-istess staff ma kienx jipperformja skond l-istandards li kienet tixtieq hi.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-management kien qed jinnota din l-attitudni negattiva tar-rikorrenti u il-management jghid, li kien wissa kemm il-darba verbalment lir-rikorrenti, pero fl'opinjoni tat-Tribunal Industrijali dawn ma kienux twissijiet dixxipplinarji, izda kienu aktar li l-management ipprova jigbdielha l-attenzjoni biex tibdel l-atteggjament taghha.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-kaz inkwestjoni sehh fit-22 ta' Mejju 2012, fejn dak inhar ir-restaurant kien busy hafna u kien hemm xi klijenti li bdew jilmentaw li is-servizz ma kienx tajjeb. Mill-provi jirrizulta wkoll, li kien waqt din il-funzjoni li ir-rikorrenti bdiet tilmenta li kienet iddejqet u fost kliem iehor qalet kliem mhux xieraq fosthom "this fucking shit". Rigward dan l-incident fil-waqt li l-management jghid li dan sar quddiem il-klijienti, ir-rikorrenti tghid li hija ghaddiet dawn ir-rimarki waqt li kienet qeghda tpoggi xi platti fuq li station, pero kien hemm xi klijenti vicin li setghu semghawha. Mill-provi jirrizulta wkoll, li ir-rikorrenti giet**

**avvicinata mid-Direttur tal-Kumpanija Christianne Ramsey u minn Justine Pergola fejn marru jitkellmu fil-back room office. Justine Pergola fix-xhieda taghha ta' 10 ta' April, 2013 pagna 4 tispjega l-konverzazzjoni li kien hemm fejn tghid " What's your problem Katja, why are you so stress, we knew more or less why she maybe had been stressed because she was pregnant and she was very busy day etc etc, so that's probably has been coming from. Plus she is a very hard worker so obviously the fact that maybe the others were not working hard enough she had to take over and she was stressed basically. And tired probably. And that's what my mother said Katja do not use this foul language and than she said why I am leaving this fucking place I am fed up so mum said okay go, leave you know" Fix-xhieda taghha tghid ukoll "And she left. But we thought after a couple of days she will come back" imma "She did'nt come back".**

**Minn naha tar-rikorrenti fix-xhieda taghha datata 8 ta' Lulju 2013, pagna 10 tghid "We were kind of shouting at each other and I told her what do you want me to do than ? And because once everthing is wrong what you do so I asked her what do you want me to do you want me to leave ? And than she told me go and never come back and from that moment I took my bag I was running outside crying and I never came back ".**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li peress li is-Socjeta riedet timla l-formoli tat-terminazzjoni ta' l-impieg ippruvat tghamel kuntatt biex jigu iffirmati dawn id-dokumenti u ghal dan mar Bernd Maier li jigi l-partner tar-rikorrenti. Fix-xhieda tieghu datata 6 ta' Mejju 2013 huwa jghid " She did not go to the Palazzo any more she said I cannot go anymore there" Mill-provi jirrizulta wkoll, li d-dokumentazzjoni li giet moghtija lill Bernd Maier kien hemm imnizzel li ir-rikorrenti kienet irrezenjat mill-impieg u peress li fl'opinjoni tieghu, ir-rikorrenti ma kienitx irrezenjat mill-impieg, iddecieda li ma jiehux id-dokumentazzjoni biex jghaddiehom lir-rikorrenti.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li is-Socjeta qatt ma bghatet id-dokumentazzjoni tat-terminazzjoni ta' l-impieg lil-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig u dan ghar-raguni, li peress li ir-rikorenti ma iffirmatx li hija irrezenjat mill-impieg u ghas-Socjeta ma kienitx kecciet lir-rikorrenti mill-impjieg, is-Socjeta hasset li ma kellix tibghat formola minghajr ma jkun hemm raguni ghaliex ir-rikorrenti spiccat mill-impieg.**

**F'dawn il-Kunsiderazzjonijiet, it-Tribunal Industrijali jezamina diversi aspetti ta dan il-Kaz inkwestjoni biex jipprova jasal ghal konkluzzjoni, jekk ir-rikorrenti telqietx minn jeddha mill-impieg jew gietx imkeccija mill-impieg. Il-verzjonijiet li gew mghotija lit-Tribunal Industrijali huma verzjonijiet opposti minn xulxien u ghaldaqstant biex dan it-Tribunal**

**Industrijali jipprova jasal ghal konkluzzjoni, jkollu jezamina l-avvenimenti ta' kif sehhew il-fatti ta' din il-Kwistjoni tax-xoghol.**

**Ghaldaqstant, l-ewwel aspett li jiehu inkonsiderazzjoni dan it-Tribunal Industrijali huwa jekk kienx hemm xi forma ta' incident li sehh dak inhar tat-22 ta' Mejju 2012. Mill-provi li semgha it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li l-partijiet qablu li kien sehh incident. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li kien hemm qbil fix-xhieda li ntuza kliem mhux xieraq ghalkemm ir-rikorrrenti tghid li dan ma sarx quddiem il-klijenti. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll li mill-provi jirrizultalu, li ir-rikorrenti kienet wkoll uriet tip ta' attitudni negattiva u nisslet kliem li ddejjqet b'din is-sitwazzjoni fir-restaurant.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li f'dan l-incident ir-rikorrenti giet avvicinata mill-management u marru jitkellmu fil-back room u hawnhekk it-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li kien hemm l-intenzjoni li tigi normalizzata is-sitwazzjoni, izda jidher ukoll li ir-rikorrenti baqghet ghaddejja bir-rimarki li kienet iddejjqet. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li normalment meta jigru incidenti fuq il-post tax-xoghol il-haddiem jipprova jerga lura u jmur jkellem lill management biex jirrangaw l-affarijiet, izda f'dan il-kaz jidher li l-atteggjament tar-rikorrenti kien li ma rieditx tersaq lejn il-Palazz u bghatet il-partner taghha biex jiehu id-dokumentazzjoni tat-terminazzjoni ta' l-impieg. Mill-**

**provi jirrizulta wkoll, li kien l-partner taghha stess meta xehed quddiem it-Tribunal Industrijali fejn stqar li ir-rikorrenti ma rieditx tersaq aktar lejn il-palazz. Meta it-Tribunal Industrijali jikkunsidra dawn l-aspetti kollha ta' dan il-Kaz huwa tal-fehma, li l-istqarrija tal-management hija aktar kredibbli fis-sens li wara li jkun gara incident ta' certa gravita, u dan l-incident huwa wiehed gravi meta tqies li inghad kliem mhux xieraq quddiem il-klijenti u aktar min hekk minnflok li l-haddiem involut minflok li jirtira d-diskors li jkun qal u jiskuza ruhu tkompli tismgha lill haddiem jghid li kien iddejjaq mill-post tax-xoghol, hija haga naturali li ir-reazzjoni ta' min ihaddiem tkun li jekk iddejjaqt u trid titlaq.... itlaq. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li meta l-management qal lir-rikorrenti li jekk trid titlaq itlaq, ma kienx fis-sens li riedt ikecci lir-rikorrenti mill-impieg, izda hija reazzjoni li hawnhekk ma nistghax inzommok bil-fors u jekk iddejjaqt u trid titlaq mur. It-Tribunal Industrijali, jikkunsidra wkoll, li wara kollox l-istess rikorrenti ma rieditx tersaq aktar lejn il-post tax-xoghol taghha.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsdira s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzzjonali tal-partijiet isib u jasal ghal konkluzzjoni li kienet ir-rikorrenti li telqet mill-impieg u ghaldaqstant dan kien kaz ta' rizenja mill-impieg.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibli li dan il-Kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' Avviz legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

**Data : 27 ta' Novembru, 2014**